



C/2024/1805

1.3.2024

**Avviż li jemenda l-avviż ta' kompetizzjoni miftuħa — EPSO/AD/410/23 — Amministraturi (AD 7)
fil-qasam tat-trasport**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C, C/2023/4, il-5 ta' Ottubru 2023)

(C/2024/1805)

Mill-2024, l-EPPO se jkompli jsaħħaħ l-impenn tiegħu għall-multilingwiżmu u se jwettaq kompetizzjonijiet miftuħa taħt "reġim ta' 24 lingwa". Dan ifisser li skont l-istruzzjonijiet ipprovduti f'avviż ta' kompetizzjoni partikolari, il-kandidati se jkollhom il-flessibbiltà li jagħżlu liberament kwalunkwe tnejn mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE biex jagħmlu t-testijiet.

Din il-bidla fl-approċċ tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa u tiżgura n-nuqqas ta' kwalunkwe differenza fit-trattament ibbażata fuq il-lingwa, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni⁽¹⁾. Għalhekk huwa opportun li dan jiġi implimentat mhux biss fil-kompetizzjonijiet li ġejjin, iżda wkoll fil-kompetizzjonijiet li għalihom diġà nħarġu avviżi iżda li għadhom ma sarux testijiet, bħall-kompetizzjoni EPSO/AD/410/23.

It-tranżizzjoni għar-"reġim ta' 24 lingwa" sħiħ fil-kompetizzjoni EPSO/AD/410/23 teħtieġ aġġustament għall-portafoll tat-testijiet. B'mod partikolari, l-istudju tal-każ previst f'dan il-kuntest jikkawża diffikultajiet prattiċi. Għalhekk huwa xieraq li jinbidel b'test bil-miktub fejn l-assenjament ikun ibbażat fuq materjali/dokumenti diġà disponibbli għall-pubbliku f'24 lingwa. Il-valutazzjoni tiffoka fuq il-ħiliet ta' komunikazzjoni bil-miktub. Il-kriterji li jifdal — punteġġ u durata — se jinżammu u jiġu ċċarati aktar fl-avviż emendatorju.

Il-bidliet l-oħrajn kollha deskritti fl-avviż emendatorju jappartjenu għall-proċeduri tal-ittestjar. Lejn l-aħħar tal-2023, l-EPPO ħabbar li se jissospendi t-testijiet ta' kompetizzjonijiet miftuħa għal raġunijiet tekniċi. Dan affettwa wkoll il-kompetizzjoni EPSO/AD/410/23. L-EPPO qed jeżamina l-għażliet għal sistema ta' testijiet reżiljenti li se żżomm l-integrità filwaqt li tiżgura l-aħjar esperjenza tal-utent. Ladarba l-modalitajiet għat-twettiq tat-test għall-kompetizzjoni EPSO/AD/410/23 jiġu kkonfermati, il-kandidati jiġu nnotifikati individwalment mill-EPPO.

Sabiex kemm il-kandidati attwali kif ukoll dawk potenzjalment ġodda jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-flessibbiltà pprovduta mir-"reġim ta' 24 lingwa" sħiħ, u biex potenzjalment jagħżlu lingwi oħrajn għat-testijiet, il-kompetizzjoni terġa' tinfetħa. Konsegwentement, **il-kandidati li diġà ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom iridu jirrieżaminaw u jivvalidaw mill-ġdid l-applikazzjoni tagħhom biex ikomplu jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni**. Il-kandidati individwali jingħataw aktar informazzjoni permezz tal-kontinġent tal-EPPO tagħhom.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-avviż ta' kompetizzjoni miftuħa EPSO/AD/410/23 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-paġna 1 id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni għandha taqra:

"Data ta' skadenza għall-applikazzjoni: id-9 ta' April 2024 f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell";

(2) Fil-paġna 3, it-Taqsima 4 "Kif se tiġi organizzata l-kompetizzjoni?" għandha taqra:

"4. KIF TIĠI ORGANIZZATA L-KOMPETIZZJONI?"

4.1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri tal-kompetizzjoni

Din il-kompetizzjoni tiġi organizzata fil-fażijiet li ġejjin:

— L-applikazzjoni (ara t-Taqsima 4.3.1).

— Ittestjar: testijiet ta' raġunament, test ta' mistoqsijiet b'għażla multipla relatat mal-qasam tal-kompetizzjoni ('test MCQ relatat mal-qasam'), u test bil-miktub (ara t-Taqsima 4.3.2).

⁽¹⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2019, *Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Parlament Ewropew*, C-377/16, ECLI:EU:C:2019:249, il-punt 66.

- Il-punteġġ tat-test bil-miktub u l-kontroll tal-eliġibbiltà (ara t-Taqsima 4.3.3).
- Il-ħolqien tal-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima 4.3.4.).

4.2. Lingwi użati f'din il-kompetizzjoni

Ir-Regolamenti tal-Persunal ⁽²⁾ jistipulaw li uffiċjal jista' jkun appuntat biss bil-kundizzjoni li jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mil-lingwi tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Għaldaqstant, f'din il-kompetizzjoni, kandidat irid ikollu għarfien komplut (**livell minimu C1**) ta' waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti (**livell minimu B2**) ta' lingwa differenti li trid tintgħażel minn fost it-23 lingwa uffiċjali li jifdal tal-UE. Il-livelli minimi indikati hawn japplikaw għal kull kapaċità lingwistika (għad-diskors, il-kitba, il-qari u s-smigħ) mitluba fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-ħiliet jirriflettaw dawk tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi ⁽³⁾.

Għall-prattiċità dawk il-lingwi se jissejġu 'lingwa 1' u 'lingwa 2'.

Il-lingwi jintużaw f'fażijiet differenti tal-kompetizzjoni kif ġej:

Fażi tal-kompetizzjoni	Testijiet	Lingwa
Applikazzjoni	—	Kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE
Ittestjar	Testijiet tar-raġunament	Lingwa 1
	Test MCQ relatat mal-qasam	Lingwa 2
	Test bil-miktub	Lingwa 2

Il-kandidati jkollhom jindikaw l-għażla tagħhom tal-lingwi tat-test fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom u ma jkunux jistgħu jbidduha wara li jivvalidaw l-applikazzjoni tagħhom.

4.3. Il-fażijiet tal-kompetizzjoni

4.3.1. Applikazzjoni

- (a) Biex japplikaw, il-kandidati jeħtieġ li jkollhom kont tal-EP SO. Il-kandidati li għad ma għandhomx kont tal-EP SO, ikollhom joħlqu wieħed. **Jista' jinholq kont wieħed biss għall-applikazzjonijiet kollha tal-EP SO ta' kandidat.**

Il-kandidati jridu japplikaw online fuq is-sit web tal-EP SO ⁽⁴⁾ sa

d-9 ta' April 2024 f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

- (b) Bil-validazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jiddikjaraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha msemmijin fit-Taqsima 'Jien eliġibbli?'. Ladarba l-kandidati jkunu vvalidaw il-formola tal-applikazzjoni tagħhom, dawn ma jkunu jistgħu jagħmlu l-ebda bidla. Hija r-responsabbiltà tal-kandidati li jiżguraw li jlestu u jivvalidaw l-applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza.
- (c) **Il-kandidati li jkunu diġà ppreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal din il-kompetizzjoni sal-iskadenza indikata fl-avviż oriġinali tal-kompetizzjoni ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C, C/2023/4 fil-5 ta' Ottubru 2023, jew sal-iskadenza estiża indikata fl-avviż li jemenda l-avviż tal-kompetizzjoni preżenti, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C/2023/1031 tas-17 ta' Novembru 2023 (minn hawn 'il quddiem, 'kandidati eżistenti'), ikollhom l-applikazzjoni tagħhom miftuħa mill-ġdid mill-EP SO.**
- (d) **Il-kandidati eżistenti jridu jergħu jeżaminaw u jivvalidaw l-applikazzjonijiet tagħhom mill-ġdid, qabel l-iskadenza msemmija fil-punt (a) ta' din is-sottotaqsima. Din l-azzjoni hija obbligatorja biex il-kandidati jkunu jistgħu jkomplu jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni.**
- (e) Minbarra li jirrieżaminaw l-għażliet tal-lingwa tat-test tagħhom, il-kandidati għandhom il-possibbiltà li jagħmlu kwalunkwe bidla oħra fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom, pereżempju, jaġġornaw ir-rekord akkademiku tagħhom jew it-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali attwali tagħhom.

- (f) **Sal-4 ta' Ġunju 2024 f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell**, il-kandidati jridu jtellgħu fil-kont tal-EPPO tagħhom (u l-link għall-applikazzjoni tagħhom) il-kopji skennjati tad-dokumenti li jappoġġaw id-dikjarazzjonijiet li jagħmlu fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom. Spjegazzjoni dwar kif tagħmel dan hija disponibbli fis-sit web tal-EPPO ⁽⁵⁾.
- (g) Il-kandidati eżistenti li diġà tellgħu l-provi u l-linkjawnhom mal-formola tal-applikazzjoni tagħhom mhux se jkollhom bżonn itellgħu mill-ġdid/jerġġhu jillinkjaw dawk id-dokumenti. Madankollu, huma jistgħu jiddeċiedu li jżidu/jillinkjaw dokumenti addizzjonali sal-iskadenza indikata fil-punt (f) ta' din is-sottotaqsima.

4.3.2. Ittestjar

Il-kandidati kollha li vvalidaw kif suppost il-formola ta' applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza indikata fit-Taqsima 4.3.1 (a) ta' dan l-avviż u li segwew l-istruzzjonijiet skont it-Taqsima 4.3.1 jiġu mistiedna jagħmlu sensiela ta' testijiet.

L-EPPO jinforma lill-kandidati dwar il-modalitajiet tal-ittestjar mhux aktar tard mill-istedina għat-testijiet.

(a) Testijiet ta' raġunament

It-testijiet tal-ħiliet ta' raġunament tal-kandidati jiġu organizzati kif ġej:

Test	Lingwa	Nru ta' mistoqsijiet	F'kemm ħin	Punteġġ minimu
Raġunament verbali	Lingwa 1	20 mistoqsijiet	35 min	10/20
Raġunament numeriku		10 mistoqsijiet	20 min	Raġunament numeriku u astratt flimkien: 10/20
Raġunament astratt		10 mistoqsijiet	10 min	

Biex kandidat jirnexxi fit-testijiet tar-raġunament, jeħtieġ li jikseb **kemm** punteġġ minimu ta' mill-inqas 10/20 fit-test ta' raġunament verbali **kif ukoll** punteġġ minimu ta' mill-inqas 10/20 fit-testijiet ta' raġunament numeriku u astratt.

Il-kandidati li ma jilħqux il-punteġġi minimi meħtieġa fit-testijiet ta' raġunament ma jkollhomx ir-riżultati tat-test MCQ tagħhom relatat mal-qasam ipproċessati.

(b) Test MCQ relatat mal-qasam

It-test MCQ relatat mal-qasam se jiġi organizzat kif ġej:

Test	Lingwa	Nru ta' mistoqsijiet	F'kemm ħin	Punteġġ	Punteġġ minimu
Test MCQ relatat mal-qasam	Lingwa 2	30	40 minuta	minn 0 sa 30	20/30

Kandidat irid jikseb **punteġġ minimu ta' 20/30 u jkun fost il-kandidati li jġibu l-ogħla punteġġ**.

Il-kandidati li jiksbu l-punteġġ meħtieġ jiġu kklassifikati f'ordni dekrexxenti tal-punteġġi miksuba. Din il-klassifikazzjoni tintuża (i) biex jiġu ddeterminati l-kandidati li t-test bil-miktub tagħhom jingħata marka u l-eliġibbiltà tagħhom tiġi kkontrollata (ara t-Taqsima 4.3.3 taħt) u (ii) għall-fini tal-ħolqien ta' lista ta' riżerva skont il-proċedura definita fit-Taqsima 4.3.4.

Il-kandidati li ma jilħqux il-punteġġ minimu f'dan it-test mhux se jinħadmulhom aktar ir-riżultati tat-testijiet tagħhom u mhux se jkollhom l-eliġibbiltà tagħhom ikkontrollata.

(c) **Test bil-miktub**

It-test bil-miktub għandu l-għan li jivvaluta l-ħiliet ta' komunikazzjoni bil-miktub ta' kandidat. Dan jiġi organizzat kif ġej:

Test	Lingwa	F'kemm ħin	Punteġġ	Punteġġ minimu
Test bil-miktub	Lingwa 2	45 minuta	minn 0 sa 10	5/10

Il-kandidati se jkunu meħtieġa jwieġbu għall-kompitu/i tat-test abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta relatata mal-qasam tal-kompetizzjoni. It-test bil-miktub mhuwiex test tal-lingwa. Il-valutazzjoni se tkun ibbażata fuq l-ankri speċifiċi ppubblikati fis-sit web tal-EPPO.

4.3.3. Punteġġ tat-test bil-miktub u verifika tal-eliġibbiltà

Il-punteġġ tat-test bil-miktub u l-verifika tal-eliġibbiltà jsiru b'mod parallel. Dan isir f'ordni dekrexxenti tal-klassifikazzjoni msemmija fit-Taqsima 4.3.2(b). Il-Bord tas-Selezzjoni jagħti punteġġ biss għall-kitbiet tat-test bil-miktub u jivverifika l-eliġibbiltà ta' għadd limitat ta' kandidati (mhux aktar minn darba u nofs l-għadd ta' kandidati li jirnexxu mfittxija).

Il-kontroll tal-eliġibbiltà jinvolti l-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 3 ("Jien eliġibbli?") ta' dan l-avviż. Il-Bord tas-Selezzjoni jieħu d-deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà tal-kandidati billi jqabbel (a) id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-formola tal-applikazzjoni u (b) id-dokumenti mtellgħin fil-kont tal-EPSo tal-kandidati biex jappoġġaw dawk id-dikjarazzjonijiet.

4.3.4. Il-ħolqien ta' lista ta' riżerva

Il-Bord tas-Selezzjoni se jinkludi fil-lista ta' riżerva l-ismijiet tal-kandidati li (i) jkunu kisbu l-punteġġi minimi kollha meħtieġa u wieħed mill-ogħla punteġġi fit-test MCQ relatat mal-qasam u (ii) instabu li kienu eliġibbli. Dan se jitwettaq f'ordni dixxendenti fil-klassifikazzjoni msemmija fit-Taqsima 4.3.2(b) sakemm jintlaħaq l-għadd ta' kandidati li jirnexxu mfittxija. Il-kandidati li jgħibu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli fil-lista ta' riżerva se jiżiedu wkoll mal-lista ta' riżerva.

L-ismijiet fil-lista ta' riżerva jiġu elenkati b'mod alfabetiku. Il-lista ta' riżerva tkun disponibbli għas-servizzi ta' reklutaġġ. Il-kandidati jiġu mġarrfa bir-riżultati tagħhom (ir-riżultati tat-testijiet u/jew riżultati tal-verifika tal-eliġibbiltà) ħlief jekk għar-raġunijiet indikati f'dan l-avviż, dawn ir-riżultati ma jinħadmulhomx.

L-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tagħti l-ebda dritt jew garanzija ta' reklutaġġ.

- (2) Ir-Regolament Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62). Test konsolidat: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20220101>.
- (3) <https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=090000168045bb52>.
- (4) <https://epso.europa.eu/mt/job-opportunities/open-for-application>.
- (5) <https://epso.europa.eu/mt/help/faq/competitions-published-after-january-2023>.”;

(3) Fil-paġna 9, l-Anness I, it-Taqsima 5 “Ittestjar” għandha taqra:

“5. Ittestjar

- (1) L-EPSo jinforma lill-kandidati dwar il-modalitajiet tal-ittestjar filwaqt li jagħti kwalunkwe dettall u struzzjoni mehtëġa mhux aktar tard minn meta jistieden lill-kandidati għat-testijiet.
- (2) Jekk u ladarba jiġu informati, il-kandidati jridu jibbukkwaw appuntament ta' test skont l-istruzzjonijiet li jkunu rċewew mingħand l-EPSo. Il-perjodi ta' prenotazzjoni u ttestjar huma limitati.
- (3) F'każijiet fejn il-kandidati jonqsu milli jibbukkwaw, jagħmlu jew ilestu test wieħed jew aktar, jitqies li l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjoni tkun intemmet, sakemm il-kandidati ma jkunux jistgħu jagħtu prova li n-nuqqas ta' prenotazzjoni, ta' attendenza jew ta' tlestija ta' test kien dovut għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-kandidati jew minħabba sitwazzjoni ta' force majeure. In-nuqqas ta' konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet għall-ittestjar speċifikati fl-istruzzjonijiet u l-informazzjoni disponibbli għall-kandidati ma jitqiesx bħala ċirkostanza lil hinn mill-kontroll tal-kandidati jew bħala sitwazzjoni ta' force majeure.

- (4) Il-kandidati huma mistiedna wkoll jikkonsultaw is-sit web tal-EPPO biex isiru aktar familjari mal-proċeduri tal-għażla ta' EPPO, inkluż mar-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-ittestjar.

⁽⁷⁾ <https://eu-careers.europa.eu/mt>;

- (4) Fil-paġna 10, l-Anness I, it-Taqsima 7.1 "Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi" għandha taqra:

"7.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi

- (1) Jekk fi kwalunkwe fażi tal-proċedura tas-selezzjoni l-kandidati jiltaqqu ma' problema teknika jew organizzattiva serja, huma għandhom jinfurmaw lill-EPPO permezz tal-formola ta' kuntatt online ⁽⁸⁾.
- (2) Għal kwistjonijiet bil-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati jridu jikkuntattjaw lill-EPPO immedjatament u f'kull każ qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-problema tinqala' waqt l-ittestjar, kandidat irid jagħmel dawn iż-żewġ affarijiet:

- (a) jirrapporta l-kwistjoni immedjatament billi ssegwi mill-qrib l-istruzzjonijiet deskritti fl-ittra li tistieden lill-kandidati għat-test, u
 - (b) fi żmien **3 ijiem kalendarji**, li jibdew minn (u jinkludu) il-ġurnata wara dik li fiha kandidat ikun għamel it-test, jikkuntattja lill-EPPO permezz tal-formola ta' kuntatt online ⁽⁹⁾, u jagħti deskrizzjoni qasira tal-problema.
- L-obbligu li l-EPPO jiġi infurmat japplika fil-każijiet kollha, anki meta l-fornitur responsabbli mis-servizz ikun ta segwitu għall-ilment tal-kandidat. L-ilmenti riċevuti wara l-iskadenza speċifikata f'dan il-punt jiġu miċħuda.
- (4) L-ittri ta' stedina jistgħu jiġi speċifikaw aktar rekwiżiti u struzzjonijiet għar-rapportar ta' kwistjonijiet li jinqalgħu waqt l-ittestjar.
 - (5) It-talbiet li jsiru fil-kuntest tal-ilmenti msemmija fit-Taqsimiet 7.2.2 u 7.3.1 u bbażati fuq allegati kwistjonijiet tekniċi u/jew organizzattivi li ma kinux ġew irrapportati f'konformità mat-Taqsima 7.1, jiġu miċħuda.

⁽⁸⁾ <https://eu-careers.europa.eu/mt/help/faq/complaints>.

⁽⁹⁾ <https://eu-careers.europa.eu/mt/help/faq/complaints>.